**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**Paul Curmi**

**Seduta: Distrett Valletta**

**Illum 11 ta' Jannar 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Paul Curmi** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 685961(M) billi huwa akkuzat nhar is-27 ta' Novembru, 2016, ghall-habta tal-17:00 hrs u 11:30 hrs , gewwa l-istabiliment bl-isem ' *Buon Apetite'* , fi Triq Sant Anna l-Furjana:

1. Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu , gieghel, bl-awtorita tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew esegwixxa obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew hatt bini, jew

kiser il-mixi tal-ilma jew ha l-ilma ghalih, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor.

Rat d-dokumenti esebiti;

Rat ir-rapport li thejja mill-Avukat Anna Mallia li nhatret minn din il-Qorti bhala Perit Legali u Tekniku fejn ix-xhieda hi kollha traskritta u d-dokumenti migbura;

Il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghall-atti processwsali;

Il-Qorti semghet sottomissjonijiet da parte ta' Dr. Ruth Scott ghall-parte civile u Dr. Edward Gatt ghall-imputat;

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjoniji per se addebitata fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali u ohrajn ta' dritt.

**Preliminari**[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza din l-eewel parti fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Oneru tal-Prosekuzzjoni</u>**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**Il-fatti specie tal-kaz**

Irrizulta illi l-imputat kera lis-socjeta Maltaon Limited permezz ta' skrittura privata datata 5 ta' Awissu 2015 l-hanut li jinsab numru tnejn u tletin (32) Block IV Triq Sant Anna Furjana bl-isem ta' *Bon Appetit* u li skond l-istess skrittura Giuseppe Cambareri deher bhala r-rapprezentant legali ta' din is-socjeta filwaqt li l-imputat deher bhala l-persuna li ghandha l-hanut f'idejha u deher ukoll Jonathan Grima li dak iz-zmien kellu l-kirja tal-istess hanut minghand l-imputat Paul Curmi. Ghaldaqstant permezz ta' din l-iskrittura (Dok RS2) Jonathan Grima ceda l-kirja favur is-socjeta Maltaon Limited u skond l-istess skrittura l-imputat kien accetta li l-makkinarju u l-attrezzi tal-istess hanut imsemmija **f'dok B** anness mal-istess skrittura jibqghu proprjeta tal-istess socjeta Maltaon Limited. Izda gara li sal-lum ghajr *'la motocicletta, la stampante e il registratore di cassa'* (seduta 27.2.2018) l-parte civili ma hadu xejn minn tali lista. U ghalhekk saret il-kwerela.

Mid-depozizzjoni ta' **Giuseppe Cambareri** (seduta 27.2.2018), Cambareri xehed li s-socjeta Maltaom Limited hija tieghu u hija socjeta registrata f'Malta. Li huwa kien ghamilha cara lil Antoine Portelli li jekk l-attrezzatura u l-mobbli kollha fil-hanut ma jigux trasferiti lis-socjeta Maltaom Limited, huwa mhux interessat fil-kirja. Li meta saret l-iskrittura ta' lokazzjoni kien hemm prezenti Giuseppe Gambereri li tihom hija s-socjeta Maltaom Limited, Paolo Genovesi, l-imputat, Jonathan Grima, Paul Curmi u Antoine Portelli li kien l-accountant ta' Jonathan Grima. (seduta 27 ta' Frar 2018). Huwa xehed ukoll li l-elenku tal-mobbli mertu ta' dawn il-proceduri (Dok B) ma sarx dakinhar li saret

l-iskrittura izda kien ghaddiehilu l-ghada l-accountant ta' Jonathan Grima Antoine Portelli.

Skont Giuseppe Cambareri, il-hanut beda jopera fl-ewwel ta' Settembru 2015 u halsu lill-imputat kera ta' sitt (6) xhur bil-quddiem izda gara li f'Mejju 2016 inqala tilwim bejn Giuseppe Cambareri, li tieghu kienet is-socjeta Maltaon Limited u l-imputat dwar hlas ta' kera stante li skont l-istess Giuseppe Cambareri, l-imputat kien irrifjuta li jghaddi ircevuta fiskali tal-pagament li ghamillu, u f'Novembru wara laqgha li kellu flimkien ma' Enzo Sigari li kien impjegat fil-hanut, gara li Sigari fil-prezenza ta' Giuseppe Cambareri, ghadda c-cwievet tal-hanut lill-imputat wara li skond Cambareri, l-imputat hedded lil Enzo Sigari.

L-ghada Paolo Genovesi mar biex ibiddel is-serratura fuq parti ta' Cambareri izda ltaqa' mal-imputat u heddu biex ma jbiddilx is-serratura u ghalhekk ma setghux jidhlu aktar fil-hanut. Barra l-attrezzatura fil-hanut hemm ukoll oggetti ta' Genovesi bhal borom u pushchair tat-tifla, affarijiet personali, motocicletta u la stampale.

In kontro ezami (seduta 27.2.2018) Cambareri xehed huwa hallas lil imputat €8300 kera bil-quddiem u €60,000 lil Jonathan Grima sabiex skond hu l-imputat accetta li jikrilhom dan il-hanut.

In kontro-ezami (seduta 8.10.2018) Cambareri xehed li Genovesi kien impjegat tal-kumpanija tieghu. Li huwa ma kienx imur fil-hanut ghajr okkazjonalment meta kien jigi biex jara kif sejjer ix-xoghol. Difatti jixhed hekk Cambareri –" *Io non requentavo il negozio io ero a casa mia tranne*

*quando venivo occasionalmente per vedere come va la gestione."*(seduta 18.6.2018) . Personalment huwa ma ra xejn mill-mobbli izda kienu jinfurmaw Paolo Genovesi u Enzo Sigari li kienu taw ic-cwievet lill-imputat. Huwa ma kellimx lill-imputat dwar dan. Meta ghamel il-kwerela lil pulizija huwa ra l-attrezzatura li kien hemm fil-lokal mil-bieb tal-hgieg tal-istess oka u setgha jarahom. Huwa saqa li l-imputat ma setghax jerga jikri ghax l-hanut huwa tal-Gvern.

Skond id-depozizzjoni ta' **Paolo Genovesi** (seduta 27.2.2018), Genovesi xehed li huwa kien imexxi Bon Appetit fuq talba tal-istess Giuseppe Cambareri. Huwa kien prezenti meta giet iffirmata l-iskrittura ta' lokazzjoni u li kienu l-iskrittura saret kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliz. Huwa beda jmexxi dan il-hanut f'Settembru u baqa jaghmel dan sa' Gunju. Sa dak iz-zmien ma kienx hemm problemi. Peress li kienet mietet ommu kellu jmur l-Italja u Enzo Sigari ssostwitwih u l-ftehim kien li meta jirritorna Malta huwa jkompli fil-gestjoni ta' dan il-hanut. Izda gara li l-imputat hedded lil Sigari u dan tah c-cwievet u dan skond Genovsi sar fil-prezenza tieghu. Gambereri qallu biex ibiddel is-serratura izda dan ma sarx ghax l-imputat heddu biex ma jaghmilx dan. Fil-hanut halla warajt l-effetti personali, microwave, fridge tad-ditta Mangiatorelle u l-attrezzaturi kollha tal-hanut.

In kontro-ezami (seduta 8.10.2018) Genevose xehed li huwa dam jiggestixxi l-hanut ghal aktar minn sena.

**Antoine Portelli** (seduta 16.1.2018) xehed li xogholu Accountant u meta muri l-iskrittura tal-5 ta' Awissu 2015 bil-Malti u bl-Ingliz huwa

kkonferma li din l-iskrittura kienet saret l-ufficju tieghu u l-kitba saret minnu fuq dak li qalulu l-klijenti. Lill-imputat gharfu fis-seduta u xehed ukoll li l-klijent tieghu kien Jonathan Grima. Kulhadd iffirma quddiemu. Huwa xehed ukoll li Jonathan Grima kellu l-uzu ta' hanut il-Furjana ta' Paul Curmi (l-imputat) u kien avvicinah biex inehhih u jghaddih lil xi Taljani li dehru fuq l-iskrittura u kien talbu jassistih. Huwa kkonferma li klawsola 7 tal-iskrittura (verzjoni bl-ingliz) u klawsola 8 (verzjoni bil-Malta) jiftakarha u qalulu l-klijent tieghu u kulhadd kien kuntent biha.

Tali klawsola tghid hekk: "*L-ewwel parti qed tikkonferma li l-apparat kollu kif imnizzel f'dokument B anness mal-ftehim isir tat-tielet parti*" (L-ewwel parti skond l-istess ftehim huwa l-imputat u t-tielet parti hija s-socjeta Maltaom Limited (C-68117).

**Paul Joseph Mifsud** xehed li xogholi accountant (seduta 23.5.2018) u li ma kellu x'jaqsam xejn mal-iskrittura li ghamlu l-partijet izda din l-iskrittura kien urihielu Giuseppe Gambereri huwa kien urih skrittura tal-5 ta' Awissu 2015 u skrittura ohra tal-31 ta' Awissu 2015 izda peress li kien urih biss l-iskrittura tal-31 ta' Awissu 2015 huwa ma setgha jghidlu xejn fuqha.

L-imputat ghazel ma jixhidx u d-difiza ddikjarat li ghalqet il-provi fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2018

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-IMPUTAZZJONI**

**<u>Ksur ta' Artikolu 85(1) tal-Kap 9</u>**

L-akkuza kontra l-imputat hija bazata fuq l-artikolu 85(1) tal-Kap. 9. Dan l-artikolu jipprovdi li *"Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur: - Iżda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija,* ***<u>tagħti l-piena tal-multa.</u>****"*

Illi l-imputat gie akkuzat bil-hekk imsejha *'ezercizzju arbitrarju ta' pretenzjonijiet'*. Din l-offiza giet klassifikata mill-legislatur taht delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet ohra. Il-Professur Sir Anthony Mamo fin-Notes on Criminal Law fit-tieni volum tieghu qies dawn l-offizi bhala s-segwenti:

> *'These crimes attack the State but indirectly, inasmuch as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'*

Fi kliem il-gurista Carrara "*La ragion fattasi e' il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.*"

Bl-introduzzjoni ta' dan l-artikolu, l-ghan ahhari tal-legislatur kien li jipprotegi l-*istatus quo* kontra min jiehu l-ligi b'idejh, indipendentement minn jekk l-aggressur jew il-vittma jkollux dritt jew le. **Huwa artikolu intiz biex jistabilixxi l-ordni pubbliku u biex ma jhallix lil individwu privat jezercita setgha li fl-ahhar mill-ahhar tispetta lill-awtorita pubblika**. Huwa ghalhekk li l-istess artikolu jinstab fil-parti tal-Kodici Kriminali relatata ma' delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet Pubblici ohra. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Anthony Micallef***, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkummentat hekk fuq il-portata ta' dan l-artikolu:

> "*Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u aktar preċiżament id-delitt ta' l-użu kontra l-liġi mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita` pubblika. **L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali hu intiż mhux biex jipproteġi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun - għal tali protezzjoni hemm l-azzjoni ċivili - iżda biex jipprevjeni l-użurpazzjoni mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita` pubblika**. Isegwi għalhekk li, indipendentement mill-*

*protezzjoni mogħtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet ċivili, jekk jirriżulta bħala fatt li kien hemm l-użurpazzjoni ravviżata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jaġixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.*

*Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali għandhom addirittura s-seta' li jiddeterminaw kwistjonijiet ċivili inċidentali għar-risoluzzjoni tal-vertenza penali."*

Ezami dettaljat tal-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat sar mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et*** preseduta mill-Imhallef W. Harding.[2] F'din is-sentenza il-Qorti tal-Appell identifikat l-erba' elementi li jridu jigu sodisfatti sabiex wiehed jkun jista' jitkellem minn sejbien ta' htija taht dan l-artikolu:

(a) L-att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor. Il-gurista Carrara li hafna drabi jigi citat bhala l-pedament awtorevoli ta' dawn l-erba' elementi ta' raġion fattasi jispjega dan l-element bhala ***"un atto esterno che spogli altri di un bene che gode ..."*** Ikompli jghid li *"Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque; perchè la legge protegge lo status*

[2] Deciza fl-14 ta' Ottubru 1944 u riportata f'Vol. XXXII.iv.768. Dawn l-elementi gew riportati f'sentenzi ohra fosthom ***Il-Pulizija vs Emanuel Muscat et***, deciza fit-30 ta' Settembru 1996 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

*quo, il quale non può variarsi tranne per consenso degl' interessati, o per decreto dell'autorità giudiciale."*

(b) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(c) il-koxjenza tal-agent li hu jkun qieghed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika jew, fi kliem il-Crivellari, *"la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato"*[3]*; u*

(d) n-nuqqas ta' titolu li jrendi l-fatt aktar gravi.[4]

L-element intenzjonali huwa importanti ferm ghaliex huwa dak li jikkwalifika dan ir-reat minn reati ohra. Fil-fatt hu ben risaput – u dan johrog anke mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina – li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' **ragion fattasi** jew ghal reati ohra (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dan ir-reat ta' **ragion fattasi** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk din l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika.[5] Fil-fatt fis-sentenzi fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Eileen Said***[6] u ***Il-Pulizija vs Vincent Cortis***[7], il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet telabora li *"element kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali*

---

[3] *Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749.*
[4] Ara, fost diversi sentenzi, ***Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia***, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru 1957, Vol. XLI.iv.1506; ***Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia***, Appell Kriminali 17 ta' Frar 1995; ***Il-Puliziia vs. Carmelo Ciantar***, 18 ta' Settembru 1996. Ara wkoll Falzon, G., ***Annotazioni alle Leggi Criminali*** *(Malta)*, 1872, p. 123.
[5] Ara f'dan is-sens is-sentenza ***Il-Pulizija vs Mario Lungaro***, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru 1996.
[6] Deciza fis-19 ta' Gunju 2003
[7] Deciza fis-27 ta' Novembru 2008

*fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor, per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagini fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu it-tgawdija taghha."*

Mhuwiex il-kompitu tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali li tidhol u tezamina l-kwistjoni dwar jekk il-proprjeta` hijiex tal-kwerelant jew le. Ghall-fini tar-reat ipotizzat fl-artikolu 85(1) huwa sufficjenti li l-kwerelant jgib il-prova li huwa ghandu xi forma ta' pussess jew inkella detenzjoni.[8] Difatti fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bongailas***, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ghamlitha cara li: *"Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment għall-ewwel element kostituttiv tiegħu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant,* ***kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni".***

L-istess principju gie rijaffermat fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Attard.***[9] Il-Qorti sahqet li: *"Ir-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni huwa dak ta' delitt ta' uzu mill-privat kontra l-ligi tas-setghat ta' l-Awtorita` Pubblika. Ghas-sussistenza ta' l-ipotesi tal-ligi skond l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali bazikament dak li jrid jigi determinat huwa jekk il-kwerelanti kellux* ***pussess tutelabbli*** *tal-passagg, li seta' jikkonsisti sew minn pussess materjali,*

[8] Ara sentenza Il-Pulizija vs Dr Michael Caruana – deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-2 ta' Ottubru 2012 (Kawza Nru 103/2009).
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru 2008

*sew minn wiehed ta' detenzjoni."*[10]

**Konkluzzjoni tal-Perit Legali**

Il-Qorti rat il-konkluzzjonijiet tal-Perit Legali:

> "Mill-provi jirrizulta li saru zewg kwereli lil pulizija minn Giuseppe Camberari u Paolo Genovesi u li skond l-affidavit ta' WPS 217 Alison Formosa il-kwereli saru permezz ta' ittra tat-30 ta' Ottubru 2016 u tat-2 ta' Dicembru 2016 minn Dr Tonio Cachia. Li dawn iz-zewg kwereli saru minn Giuseppe Cambareri bhala direttur ta' Maltaom Limited u minn Paolo Genovesi bhala l-operatur ta' dan il-lokal kontra l-imputat. Meta hija kelmet lill-imputat huwa cahad li hedded lil kwerelanti u li kellu parir minghand l-avukat tieghu biex ma jirritornax ic-cwievet ghax l-kwerelanti ma halsuhx tal-kera. Kopja ta' dawn il-kwereli ma gewx esebiti.
>
> Mill-provi jirrizulta li l-oggetti mertu ta' dawn il-proceduri huma proprjeta tas-socjeta Maltaom Limited u kienu fil-pussess ta' Paolo Genovesi li kien jiggestixxi l-hanut u ta' Paolo Sigari li ssostiwih meta mar l-Italja ghal funeral ta' ommu. Giuseppe Camberari ftit li xejn kien ikun prezenti fil-hanut tant li semma anke fix-xhieda tieghu li ane certu Corrado Cantano kien ukoll ghamel zmien jiggestixxi dan il-hanut. Kif dejjem gie ritenut mil-Qrati taghna senjatament fejn l-oggett ikun proprjeta ta' socjeta u mhux ta' individu (**vide Il-Pulizija vs Mario Lungaro 15.11.1996**) *,'Mhuwiex kontestat li l-karozza in kwistjoni hija propjeta tas-socjeta Joseph Bezzina &*

[10] Ara wkoll Il-Pulizija vs George Zahra – Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Lulju 1958.

*co ltd. Izda ghax kienet 'mislufa' lil Carmen Bezzina ma jfissirx kif jippretendi l-appellant li allura Carmen Bezzina ma kinitx fil-pussess tal-imsemmija karozza. .. ghal finijiet tar-reat ta' ragion fattasi "il-pussess materjali jew detenzjoni hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi* (ara wkoll appell kriminali **Il-Pulizija vs George Zahra 16 ta' Lulju 1958 Vol XL.II.iv.1453**).

Jirrizulta wkoll li f'Novembru Enzo Sigari ghadda c-cwievet lill-imputat u dan fil-prezenza ta' Paolo Genovesi wara li skond Cambareri l-imputat beda jheddu. Skond l-affidavit ta' WPS 217 Alison Formosa l-imputat ammetta mal-pulizija li ghamel dan fuq parir tal-avukat tieghu izda cahad li hedded lil xi hadd minnhom.

Ma saritx il-prova izda dwar meta sar dan l-allegat reat cioe fid-dati tal-akkuza bejn is-27 u t-28 ta' Novembru 2016 u hadd mix-xhieda prodotti mil-prosekuzzjoni ma pprova li dawn l-akkuzi saru fid-dati specifikati.

Kif dejjem gie ritenut mil-Qrati taghna l-akkuza trid tigi pruvata skond d-data tac-citazzjoni li f'dan il-kaz hija x'gara bejn is-27 u 28 ta' Novembru 2016. Il-prosekuzzjoni ppruvat li dak li gara sehh f'Novembru 2016 izda mhux li dan gara f'dawn il-granet specifici u ghalhekk dak li sehh jista jkun li gara qabel is-27 u 28 ta' Novembru 2016.

Fis-sentenza **tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) per Imh D Scicluna moghtija fl-14 ta' Dicembru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija vs John (ka Ivan) Schembri** gie ritenut li:

*"Illi huwa principju baziku li sabiex ikun hemm sejbiex ta' htija l-prosekuzzjoni trid tipprova sal-grad tac-certezza morali mhux biss l-element tad-delitti li bihom ikun imputata l-imputat flimkien mal-intenzjoni relattiva izda sine qua non jrid jigi ppruvat dak l-agir illegali skond iz-zmien moghti fl-imputazzjoni."*

Illi l-atti odjerni bl-ebda mod u manjiera ma ppruvaw li xi agir sehh da parti tal-esponenti fiz-zmien tad-dati li biha ntrabtet il-prosekuzzjoni. Effettivament il-prosekuzzjoni ppruvat biss li r-reat sar f'Novembru 2016 izda mhux fil-granet partikolari tal-akkuzi cioe is-27 u 28 ta' Novembru 2016.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-esponenti l-akkuza kontra l-imput ma tistghax tirrizulta ebda htija u l-akkuza ma gietx sodisfacentement ippruvata u ghalhekk l-akkuzat ghandu jigi liberat minn kull htija u piena. Dan minghajr pregudizzju ghal proceduri civili li hemm bejn il-partijiet. "

**Data meta sehh il-fatt in ezami**

Din il-Qorti rat dak li stabilit fir-rapport taghha l-perit legali Dottor Anna Mallia, u wara li semghet sottomissjonijiet finali tal-partijiet dwar il-konkluzzjonijiet tar-rapport tirreferi l-ewwelnett għas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

**"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija**

**li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."**

Fil-kaz in ezami l-imputat gie akkuzat b'reat li allegatament sehh "fis-27 u 28 Novembru 2016" u dan sehh "ghall-habta ta' 17:00 u 11:30". Skond l-affidavit ta' W.P.S. 217 Alison Formosa, Giuseppe Cambareri u Paolo Genovesi għamlu ir-rapport tagħhhom fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt fil-21 ta' Dicembru 2016. Fl-affidavit ta' W.P.S. 217 tirreferi ghal rapport li dahlet fis-sistema tal-pulizija bin-numru PIRS No 1/A/5540/2016 liema rapport mhux parti minn dawn l-atti.

F'kaz simili deciz fit-18 ta' Ottubru 2005, l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal:

**"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat <u>tnax-il siegha</u> wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin <u>vicin</u> dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha**

**tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament."**

Dan japplika *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern. F'dan il-każ id-data meta suppost sar ir-rapport ġie ndikat fl-affidavit. Mill-banda l-oħra l-*parte civile* ma kinitx f'pożizzjoni li tindika d-data preċiża.

**Dwar il-*hearsay evidence***

Dwar il-punt li tqajjem mill-parte civile dwar dak li allegatament intqal mill-imputat lil-pulizija meta baghtu ghalih u allura minn hemm tohrog id-data tar-reat, il-Qorti sejra tirreferi għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v Angelus Vella et** mogħtija fis-7 ta' Lulju 2015 rigward eċċezzjoni simili:

**"10. ... mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun *hearsay evidence* u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda**

diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet li din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża *a priori* iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skond iċ-cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess.

"11. Hekk, jekk tiġi messa in dubbju l-kredibilita` jew il-veridiċita` ta' xhud, il-prosekuzzjoni ma tistax legalment tiġi mċaħħda mill-possibilita` li tikkorrobora dik ix-xiehda bil-mezzi li tagħtiha l-liġi, inkluż it-tip ta' xiehda li ssemmiet hawn. Daqstant ukoll jekk tinqala' xi kwistjoni dwar jekk ix-xhud ikunx qiegħed jiftakar sew dak li jkun qiegħed jixhed dwaru jista' jkun meħtieġ li jiġi eżerċitat kontroll ta' dik ix-xiehda bil-mezz tax-xiehda ta' ħaddieħor dwar dak li jkun qallu l-istess xhud fiż-żmien relevanti. F'dawn l-eventwalitajiet, ikun mistenni li l-ewwel Qorti tispjega lill-ġurija l-portata u l-limiti tal-valur tax-xiehda ta' persuna li tixhed dwar x'qal ħaddieħor. Naturalment, hu ugwalment mistenni li l-ewwel Qorti ma tammettix ix-xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk mhux unikament għall-għanijiet u fil-limiti permessi mil-liġi kif gia` spjegat. Mill-mod kif ippronunzjat ruħha l-ewwel Qorti dwar dawn l-eċċezzjonijiet din il-Qorti ma għandhiex raġuni taħseb li l-ewwel Qorti ma hix ser tikkonforma ruħha ma' dak li hi stess stabbiliet li hi l-pożizzjoni legalment korretta dwar xiehda ta' kliem

ħaddieħor, liema pożizzjoni qed tiġi wkoll konfermata f'din is-sentenza.

"12. Mill-mod kif ġie spjegat l-aggravju tal-akkużati appellanti f'dan ir-rigward jidher li l-akkużati huma konsapevoli tal-pożizzjoni legali dwar il-*hearsay* kif spjegata kostantement mill-Qrati tagħna iżda dak li probabbilment qiegħed iħasseb lill-akkużati appellanti hu l-abbuż li jista' jsir mir-regola msemmija dwar il-*hearsay* peress li dak li jkun qal ħaddieħor jista' jiġi malizzjożament użat sabiex minflok biex jikkontrolla dak li jkun xehed ħaddieħor jew sabiex jikkorrobora provi diretti oħra jintuża sabiex effettivament jissostitwixxi dik ix-xiehda ta' ħaddieħor jew dawk il-provi diretti l-oħra.

"13. Iżda huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill-Imħallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużati fl-eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skond il-liġi."

Fl-affidavit ta' WPS217 Alison Formosa tghid li l-imputat "on his own free will" ta l-versjoni tieghu ghall-allegazzjoni li ghamlu l-parte civilke. Fl-affidavit ghalkemm tghid li hu ta l-versjoni tieghu "on his own free will" imkien ma jinghad li nghata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu u lanqas hemm imnizzel li l-imputat inghata t-twissija dwar dak li kien se jghid.

Kull dikjarazzjoni li seta ta l-imputat lill-pulizija li qeghda ssir riferenza ghaliha fl-affidavit ta' WPS217 se tkun skartata u dan ghaliex l-imputat wara r-rapport li sar kontrih kien **"persuna suspettata"**. Huwa minnu illi ma ġiex infurmat li kellu d-dritt ta' assistenza ta' avukat iżda meta mar għand il-Pulizija huwa mar volontarjament u ma kienx taħt arrest. Irid jingħad, pero`, illi bħala persuna suspettata, meta interrogat, mistoqsi mill-Pulizija, l-imputat lanqas ma ngħata twissija (ara **Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri**, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Jannar 2014). Konsegwentement dak li qal l-imputat lill-Pulizija, mingħajr ma ngħata tali twissija, ma jistax jittieħed bħala prova.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

____________________

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**